*Ghodwa wahda f'Diċembru 1898 sar miting politiku fil-Mosta li ġie rrapurtat mill-Pulizija lill-Gvernatur ta' Malta. Ma kienx miting tas-soltu ghax dan, skond ir-rapport tal-Pulizija, kien sar ghall-arrieda ('cimpromptu') u li fl-ahhar tieghu kienu nqalghu wkoll xi inċiden-*

# Miting politiku fil-Mosta

*minn George Cassar* B.A. (Educ), M.Ed, Ph.D

**Minn** dokument li jinsab fl-Arkivju Nazzjonali, ir-Rabat, nafu bid-dettalji ta' dan il-miting politiku u li fih tkellmu Sigismondo Savona, Mons. Ignazio Panzavecchia u s-Sur Darmanin.

Ghalkemm fid-dokument imsemmi isem dan Darmanin ma jinghatax, wisq probabbli li dan kien Cesare Darmanin. Kien politiku li kien johroġ fuq it-VIII Distrett (Hal-Qormi u l-inhawi ta' madwaru) u kien ġie elett fl-elezzjonijiet ta' l-1895 u l-1898. Fl-elezzjonijiet ta' l-1899 u l-1900 tela' wkoll imma din id-darba mill-V Distrett (il-Birgu u l-Isla).

Sigismondo Savona kien politiku bil-ferm iżjed maghruf. Dahal fil-politika fl-1875 u kien elett ghall-Kunsill tal-Gvern. Kien maghruf li jxaqleb lejn l-Ingliżi li kienu f'dak iż-żmien jahkmu lil Malta. Ma kinitx ghalhekk sorpriża li fl-1880 sar Direttur ta' l-Edukazzjoni. Fl-1887 irreżenja ghax ma qabilx mall-Gvern Ingliż fuq ċertu deċiżjonijiet li kienu ttiehdu minghajr ma ftiehmu mieghu fuqhom. Sentejn wara reġa' dahal fil-politika meta ġab l-ikbar numru ta' voti fl-elezzjoni ta' 1889. Kien fl-1895 li Savona ssieheb politikament ma' Mons. Panzavecchia. Kien johroġ fuq l-I Distrett (il-Belt Valletta n-naha tal-Lvant, meta l-Belt kienu jghixu fiha hafna iżjed nies mil-lum). Irtira mill-politika fl-1898. Il-Kanonku Ignazio Panzavecchia kien attiv fil-politika billi bejn l-1891 u l-1892 irrappreżenta l-kleru fil-Kunsill tal-Gvern. Fl-1910 waqqaf il-Comitato Patriottico biex jiġġieled ghal kostituzzjoni aktar liberali ghal Malta. Wara dan waqqaf partit politiku biex jiehu sehem fl-elezzjoni tal-1921 li kellha tibda era ġdida fil-hajja politika Maltija billi Malta kien se jkollha l-ewwel gvern awtonomu. Il-partit ta' Panzavecchia kien jismu Unione Politica Maltese u kien popolari hafna mal-Maltin.

Kif jghid id-dokument imsemmi fuq, skond l-Ispettur S. Mifsud, fil-jum tat-22 ta' Diċembru, wara nofsinhar, dawn it-tliet politiċi marru d-dar ta' ċertu Salvatore Micallef, piżatur, u qaghdu jistennew li tispiċċa funzjoni reliġjuża li kienet ghaddejja fil-knisja parrokkjali tal-Mosta. Meta din spiċċat, folla ta' madwar 300 ruh, bejn

➥ ikompli paġna 51



# Miting fil-Mosta

➡ minn paġna 50

irġiel u nisa, harġet mill-knisja u l-politiċi hadu din l-opportunità biex itellghu miting f'dawn iċ-ċirkustanzi. Il-kelliema hadu posthom fuq borġ ġebel li kien hemm fil-pjazza ta' quddiem il-knisja u ndirizzaw lill-miġemgha. Beda l-ewwel Panzavecchia li fetah diskorsu billi fahhar lil Savona ghall-onestà tieghu u ghall-interess kbir li dejjem wera fil-poplu Malti. Savona ġie preżentat lill-udjenza bhala persuna li ghandu jgawdi l-fiduċja tan-nies. Il-qassis-politiku sejjah lil Savona l-kap tal-Maltin. Panzavecchia tkellem fuq il-kwistjoni taż-żwiġijiet imhalta (li f'dak iż-żmien kienet tahraq hafna), it-taxxi u affarijiet ohra. Warajh indirizza lill-Mostin l-Onorevoli Darmanin li tkellem fuq il-kwistjoni tal-laham tal-friża. Hu spjega lin-nies tal-lokal li l-projbizzjoni ta' importazzjoni ta' dan it-tip ta' laham kien ta' importanza vitali ghan-nies tal-Mosta li kellhom art imqabbla ghandhom. Hu żied jghid li l-importażżjoni ta' dan il-laham kienet tfisser l-ahhar daqqa ghar-rovina tal-biedja.

Fl-ahhar tkellem Savona li lmenta li kellu hafna ghedewwa tieghu li kienu jinformaw lill-Pulizija fuqu. Hu żied li l-Korp kien joboghdu ghax ma kienx jibża' jitkellem. Bhala prova ta' dan il-kelliem semma l-każ ta' 28 persuna mill-Isla li ttellghu l-qorti mill-Pulizija fuq akkużi ta' storbju ghax ghajtu "Viva Savona". Skond il-kelliem, is-sentenza kontriehom kienet inġusta. Fost suġġetti ohra li ssemmew waqt dan l-intervent kien hemm it-taxxi, il-£15,000 li kienu qed jiġu proposti biex titkompla l-linja tal-ferrovija sa l-Imtarfa, u l-kwistjoni tal-laham tal-friża. Skond ir-rapport ta' l-Ispettur Mifsud, il-folla ma tantx tat kas dawn it-tliet interventi u n-numru ta' nies naqas ftit ftit, sakemm quddiem Savona kien baqa' biss madwar 80 ruh meta dan spiċċa.

F'nota li l-Ispettur żied mar-rapport tieghu naraw li fl-ahhar ta' din l-attività politika fil-Mosta nqala' x'inkwiet. Skond Mifsud, waqt il-miting ċertu Ġovanni Pisani mill-Birgu saq iż-żiemel bil-karettun tieghu ghal ġol-pjazza. F'hin minnhom hu s-sewwieq, Luigi, niżel naqra minn fuq il-karettun u Ġovanni ghajjat lil huh u lissen ismu. Dan l-ghajjat ma fehmuhx in-nies u l-Mostin hasbu li dan kien kliem ta' insulti lejhom. Il-poplu Mosti rreaġixxa u barra li ghadda kliem ta' disapprovazzjoni lejn Ġovanni Pisani, ġera warajh u tah xebgha. L-inċident ma kellux konsegwenzi aktar gravi ghax kien hemm biżżejjed pulizija biex jikkontrollaw is-sitwazzjoni. Pisani ġie skortat mill-forzi ta' l-ordni lejn l-ghassa tal-pulizija u ġie nvistat mit-tabib tal-Gvern. Tliet persuni kienu ġew identifikati mill-pulizija f'dan il-każ.



Sigismondo Savona

Bhala konsegwenza ta' dan il-miting fil-Mosta, il-Pulizija talbet lill-Gvern biex jiehu miżuri biex jiġu kkontrollati dawn ix-xorta ta' laqghat ghallarrieda. Il-Korp sostna li biex jiġu evitati każi ta' ksur tal-paċi pubblika li jistghu jinqalghu f'mitings bhal dak tal-Mosta, il-Gvern kellu jipprojbixxi laqghat bla permess. Min ried jaghmel attività bhal din kellu javża minn żmien qabel b'dan lill-awtoritajiet tal-pajjiż. Sa sena wara r-regolamenti mehtieġa kienu ġew imfassla, preżentati u approvati mill-Gvernatur.

---

Referenzi


Arkivju Nazzjonali, Rabat. CSG 01, 8381, Supretendent tal-Pulizija lis-Segretarju Prinċipali tal-Gvern, 23-12-1895.

Rapport, Spettur S. Mifsud, 23-12-1895, ġo CSG 01, 8381.

Schiavone, Michael J. & Scerri, Louis J. (1997): Maltese Biographies of the Twentieth Century, Malta.

Schiavone, Michael J. (1992): L-Elezzjonijiet f'Malta 1849-1992 Storja Fatti Ċifri, Malta.



MOTOR BIKE Link

183, Eucharistic Congress Road, Mosta MST 09
Tel: 434604 Fax: 433902

For all your Motorbike accessories needs including Helmets, Safety Clothes, Travel equipment, Gloves and others

